MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Frar 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-Pubbliku li l-kumpanija segwenti:

## Universal Air Charter and Management Limited (C70071)

l-operatriċi tal-linja tal-ajru Universal Air naqset milli tosserva deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, minkejja diversi attentati li saru sabiex tinkiseb il-konformità magħha. Permezz tad- deċiżjoni l-kumpanija ġiet ordnata tħallas lill-konsumattriċi s-somma ta' seba' mitt u ħamsin ewro (€750) wara li nbidel il-ħin tat-titjira ta' ritorn minn Palermo għal Malta mingħajr ma l-konsumattriċi ġiet innotifikata kif suppost.

Il-konsumattriċi saret taf b'din il-bidla fil-ħin ġurnata biss qabel it-titjira ta' ritorn lejn Malta, meta hija stess ivverifikat l-informazzjoni mal-linja tal-ajru.

Il-kumpanija ġiet ordnata wkoll tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjoni tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)